# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 25 ta' Settembru, 2001**

**Appell Nru 102/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Roderick Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Roderick Muscat talli f'dawn il-Gzejjer, meta kien hekk ordnat mis-Sekond Awla tal-Qorti Cvili, naqas milli jaghti lil martu Alisa Muscat Stevanovic is-somma ffissata mill-istess Sekond Awla bhala manteniment ghaliha personali fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond dak l-ordni, huwa kellu jhallas dik is-somma, u cioe` naqas li jivversa lil Alisa Muscat Stevanovic l-ammont ta' hamsa w tletin lira (Lm35) fil-gimgha u dan ghall-gimghat li bdew f'jum il-Hamis 1.2.2001, f'jum il-Hamis 8.2.2001, f'jum il-Hamis 15.2.2001, f'jum il-Hamis 22.2.2001, f'jum il-Hamis 1.3.2001 u f'jum il-Hamis 8.3.2001, b'kollox ammont komplessiv ta' mitejn u hamsa w sittin lira (Lm265) u dan skond id-digriet rilaxxjat mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili numru 1117/2000 datat 3 ta' Awissu, 2000, liema digriet gie prorogat b'digriet numru 1420/2000 tad-9 ta' Ottubru, 2000, liema digriet gie ulterjorment prorogat b'digriet numru 1730/2000 fl-1 ta' Dicembru, 2000 u fejn effettivament odjernament hemm il-kawza fil-Prim Awla tal-Qorti Civili pendenti u li giet intavolata fl-20 ta' Dicembru, 2000;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Roderick Muscat hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Roderick Muscat, minnu ppresentat fl-24 ta' Mejju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' l-24 ta' Settembru, 2001; ikkunsidrat:

L-appellant mhux jikkontesta l-ammont jew l-ammonti tal-manteniment kif ordnat bid-digriet tat-3 ta' Awissu, 2000, jew l-ezistenza tal-imsemmi digriet jew tal-prorogi; anqas ma hu jikkontesta li fil-fatt li t-tielta w hamsin lira fil-gimgha ma thallsux ghall-gimghat indikati fl-imputazzjoni. It-tezi principali ta' l-appellant hi li hu kien obbligat li jhallas lil martu biss sat-2 ta' Frar, 2001, u dan minhabba t-termini cari tad-digriet tat-3 ta' Awissu, 2000.

Din il-Qorti kellha diga` l-opportunita` li tispjega l-effetti, ghall-finijiet ta' kawza penali skond l-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, ta' digriet ta' manteniment *pendente lite* moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili skond il-proviso tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 470 u s-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 480 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fis-sentenza taghha tal-10 ta' Marzu, 1995 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Lawrence Cilia***, liema sentenza baqghet tigi segwita, ghal dawk li huma l-principji legali enuncjati fiha, kemm minn din il-Qorti f'sentenzi ohra taghha kif ukoll mill-Qrati Inferjuri. F'dik is-sentenza din il-Qorti kienet affermat, *inter alia*, li l-ordni ghall-hlas ta' manteniment *pendente lite* maghmul mis-Sekond Awla jibqa' validu (ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 338(z)) kemm ghal matul il-proceduri quddiem is-Sekond Awla kif ukoll ghal matul il-proceduri quddiem il-Prim' Awla sakemm dana l-ordni ma jigix revokat jew altrimenti mibdul minn wahda minn dawn il-qrati ta' kompetenza civili. Gie affermat ukoll li tali ordni ma jiskadix (dejjem ghall-finijiet tal-Artikolu 338(z)) bis-semplici trapass tax-xaharejn imsemmija fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 480 tal-Kap. 12, jew bit-trapass tas-sitt xhur imsemmija fl-Artikolu 553 tal-istess Kap. 12.

Din il-Qorti ma tara li ghandha b'ebda mod tiddipartixxi minn dana l-insenjament. Fil-kaz odjern, izda, <u>il-fatti</u> (mhux il-principji legali applikabbli) huma differenti minn dawk fil-kaz ta' ***Lawrence Cilia***. Fil-kaz odjern is-Sekond Awla, meta ffissat il-manteniment bid-digriet tat-3 ta' Awissu, 2000, ma ghamlitx ordni ghall-hlas tal-manteniment <u>kif normalment isir</u>, u cioe` "*pendente lite* quddiem din il-Qorti [i.e. is-Sekond Awla] u quddiem il-Qorti Civili Prim Awla", izda <u>arginat u llimitat espressament</u> l-istess digriet ghal periodu ta' sitt xhur minn dik id-data. In fatti, skond il-kopja ufficjali ezibita fl-atti, il-kliem, fil-formula stampata tad-digriet, "*pendente lite* quddiem din il-Qorti u quddiem il-Qorti Civili Prim Awla" gew kancellati u gew sostitwiti bil-kliem "provvizorjament u cioe` ghal terminu ta' sitt (6) xhur millum". Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tiddeciedi jekk tali digriet huwiex konformi ma' dak li jirrikjedi l-proviso tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 470 imsemmi; il-kompitu ta' din il-Qorti hu li tara t-termini tad-digriet, inkluz xi terminu ta' zmien li talvolta` jista' jigi espressament imsemmi, biex tara jekk fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni l-appellant kienx ghadu taht xi obbligu li jhallas manteniment skond l-ordni ta' qorti ta' kompetenza civili. Huwa evidenti li f'dan il-kaz it-terminu ta' sitt xhur huwa wiehed definittiv; ma hemmx, per ezempju, xi

kundizzjoni li dana t-terminu ma jkunx applikabbli jekk kemm-il darba ssir il-kawza quddiem il-Prim Awla (per ezempju, entro l-istess sitt xhur); ghall-kuntrarju, ir-referenza ghall-Qorti Civili Prim Awla giet espressament kancellata. Huwa veru li mart l-appellant talbet zewg prorogi ta' l-imsemmi digriet, pero` huwa evidenti li dawna l-prorogi ntalbu, u gew akkordati, ghall-finijiet tas-subartikolu (4) tal-imsemmi Artikolu 480, u cioe` sabiex l-istess digriet jibqa' titolu ezekuttiv ghall-finijiet tal-Artikoli 253 u 273 tal-Kap. 12. B'dawk il-prorogi ma gie mibdul xejn mit-termini orginali tad-digriet, inkluz ir-terminu definittiv ta' sitt xhur. Isegwi, ghalhekk, li l-appellant huwa korrett meta jikkontendi li huwa ma kienx ghadu obbligat ihallas manteniment wara t-2 ta' Frar, 2001. Huwa veru li ftit qabel ma gie ppresentat dana l-appell l-appellant ippresenta rikors quddiem il-Prim Awla sabiex dik il-Qorti "tikkonferma" li hu kien obbligat ihallas manteniment (skond id-digriet tat-3 ta' Awissu, 2000) biss sat-2 ta' Frar, 2001, u li fil-mori ta' l-appell l-imsemmija Prim Awla ma qablitx ma din it-tezi tieghu. Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni moghtija lill-imsemmi digriet mill-Prim Awla, hu hi tal-fehma li, kif kien redatt id-digriet in kwistjoni, l-appellant kellu ragun ma jhallasx il-manteniment wara t-2 ta' Frar, 2001.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tidhol biex tezamina argumenti ohra mressqa mill-appellant fir-rikors tieghu.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Paul Miruzzi
Deputat Registratur